VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

**11 ta' Dicembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit- Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 22.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.0.1 Nil

## 22.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 22 kienu ikkonfermati

## 22.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li se jkun qed isejjaħ laqgħa b'urġenza dwar il-kuntratt tal-Valletta FC. Is-Sindku informa li Dr Roberta bonello preparat dokument bid-differenzi bejn l-ewwel verzjoni u t-tieni verzjoni tal-kuntratt.

22.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ġie żgwidat meta pr fuq *it-times of Malta* rrapporta li d-devoluzzjoni diġa ingħatat lil Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill ingħata sa issa *letter of consent* mill-lands authority biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni tal-planning Authority.

22.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa dwar il-bust ta' Pawlu l-Pampalun fejn saret diskussjoni fejn għandu jitqiegħed dan il-bust, kien hemm suġġerimenti biex issir ġewwa l-ġnien tal-Mandraġġ jew ġewwa l-ġnien żgħir ta' triq San Mark. Il-Viċi Sindku Alfred Zammit issuġerixxa li jitkellem mal-ministru Owen Bonnici, biex jiffinanzja l-pedestal.

22.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay ippropona li jsir bust għal Joe Tonna, l-kunsill kollu qabel dwar dan.

22.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-World Tourism Cities Federation bghatu biex jigi mhallas il-membership fee ta' sena ta' €1718.40, il-Kunsill qabel dwar dan.

22.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay informa lis-segeratrju ezekuttiv biex taghti koppj tal kuntratt ezistenti tal knies flimkein mat-terms of reference u l-minuti.

22.2.7 Is-Sindku Olaf Mckay talab li tigi sospiza il laqgha biex raprezentat mill kumpanija tomatic jaghmel prezentazzjon dwar proposta ta' servizz.

22.2.8 Is-Sindku Olaf Mckay nforma lis-segretarju ezekuttiv biex tiehu baskett mill-ufficju tieghu li fih ir rigali tas-safar li hu rraprezenta il kunsill lokali tal belt valletta fih. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

## 22.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.3.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet lis-sindku ghat-travel reports.

22.3.2 Il-kunsilliera Roberta Bonello Felice staqsiet lis-sindku biex issir laqgħa oħra mal-Valletta Management Plan.

## 22.4 Rapporti

NIL

## 22.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

22.5.1 Il-Viċi Sindku Alfred Zammit informa li fil-kuntratt tal-Valletta Fc, il-klabb huwa l-iktar wieħed importanti u dan il-kuntratt se jgħin lil klabb finanzjarjament. Huwa isugerixxa li fl-ewwel sentejn il-kuntratt ghandu jkun li l-qliegh ghandu jkun 100% lejn il-klabb tal-VFC. Imbagħad wara ghand jerga jigi diskuss biex il-persentagg jinbidel.

22.5.2 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma li is sindku qabdu mal-Valletta Community Centre biex jgħinhom f'kantunetta li giet preparata.

22.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li SPI/SCI/07/2025 finanzjament – kommunitajiet aktar b'sahhitom u ta' kwalita, ġie approvat u għalhekk se tibda taħdem fuq dan il-proġett.

22.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha korrispondenza mal-ERA dwar l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu smart parking system ġdida ġewwa l-ġnien ta' Hastings.

22.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bgħatet lil kunsill kollu l-Quarterly Financial Reports tat-tielet quarter, il-kunsill kollu qabel dwar dan.

22.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nġiebu tlett quotations għal għaxar monitors bl-irħas wahda tkun ta' The Notebook Centre għal prezz ta' €1,249.97.

22.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġgħet bgħatet il-bye laws biex issa jintbgħatu lid-dlg biex ituna linja gwida ta' x'hemm bżonn aktar. Il-Kunsill ikkonferma dan.

22.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-11 ta' Jannar se jkun hemm l-attivita tal-ftuħ Reġjun tal-Kultura 2026. Ser issir plakka fi triq ir-Repubblika u se jkun hemm iż-żewġ baned jieħdu sehem. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan. Il-Kunsilliera mistednien għal riċeviment ġewwa Villa Bighi.

22.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-segretarju tal-bord tat-tenders bgħatet ittra bħala final notice lill-ewwel bidder tal-proġett VLC/02/2023b. Il-Kunsill kollu qabel li għandu jgħaddi għal kuntrattur li jmiss.

22.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kuntratt mal-Continental Cars li kien joffri s-servizz tal-karozza mhux se jiġi mġedded.

22.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat il-performance bonuses tal-impjegati kollha tal-kunsill. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

22.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa mal-Water Services fejn ġie diskuss xogħol ta' bdiel ta' mains tal-ilma fiż-żona ta' Marsamxett. Hija nfurmat ukoll li talbu lil kunsill biex jagħmel membrain fuq il-manholes li hemm fuq il-parapetti tal-blata. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

**22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i**

**22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**22.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

22.8.1 Novembru 2025

**Il-Kunsill aġġorna għal- ta' 22 ta' Jannar 2026 17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv

